MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Numru 139/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Cutajar**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Cutajar talli fit-28 ta’ April 2002 ghall-habta tal-11.30 ta’ filghodu fil-Blue Lagoon, Kemmuna (**1**) minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, jew li igibilha dizordni f’mohha, u cioe` ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Muscat minn San Gwann, Malta, skond ma ccertifika t-tabib Peter Muscat MD mill-Isptar Generali ta’ Ghawdex, ai termini tal-Artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali; (**2**) fl-istess hin, data u lok ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fost affarijiet ohra ghamel hsara fin-nuccali u f’gizirana

tad-deheb a detriment ta’ Anthony Muscat, liema ammont ta’ hsara huwa ta’ izjed minn hamsin lira izda anqas minn hames mitt lira, ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali; kif ukoll talli (**3**) fl-istess hin, data w lok hedded bil-fomm lil Anthony Muscat li ser igherqu, at termini tal-Artikolu 249 tal-Kodici Kriminali; l-ewwel qorti kienet mitluba mill-prosekuzzjoni li tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikoli 383 u 384 tal-Kodici Kriminali;

Rat il-kunsens bil-miktub ta’ l-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat sommarjament *ab initio*; rat ukoll il-kunsens ta’ Joseph Cutajar sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-qorti, wara li iddikjarat l-azzjoni riferibbilment ghat-tielet imputazzjoni bhala preskritta (u konsegwentement illiberat lil Joseph Cutajar minn dik it-tielet imputazzjoni minhabba tali preskrizzjoni), sabet lil Joseph Cutajar hati skond iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra u illiberatu skond l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Joseph Cutajar, minnu ippresentat fit-3 ta’ Mejju 2005, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat anke mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2005; ikkunisdrat:

Fl-udjenza imsemmija, l-appellant, permezz ta’ l-abbili difensur tieghu, irtira “l-ewwel zewg aggravji”. Il-mod kif gie redatt il-verbal[1], pero`, jirreferi aktar proprjament ghall-ewwel aggravju, stante li hu dan l-ewwel aggravju li jirreferi ghall-estinzjoni ta’ l-azzjoni fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni minhabba r-recess tal-kwerela. Ghalhekk, ghal kull buon fini, din il-Qorti ser tqis li ma giex irtirat it-

[1] “Dr Kevin Monpalao fil-presenza ta’ l-appellant qed jirtira l-ewwel zewg aggravji (cioe` riferibbilment ghall-estinzjoni ta’ l-azzjoni fir-rigward ta’ l-akkuza ta’ offiza hafifa minhabba r-recess tal-kwerela).”

tieni aggravju, li bazikament hu fis-sens li ma kienx hemm provi sufficjenti li a bazi taghhom l-ewwel qorti setghet issib htija fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni. L-appellant irtira wkoll l-aggravju riferibbilment ghat-tieni imputazzjoni, liema aggravju hu fis-sens li galadarba kien hemm ir-rinunzja tal-kwerela l-ewwel qorti ma setghetx issibu hati skond din it-tieni imputazzjoni. Konsegwentement jibqa’ biss biex jigu ikkunsidrati it-tieni, it-tielet u r-raba’ aggravju. It-tielet u r-raba’ aggravju huma bazikament fis-sens li l-ewwel qorti ma kellhiex quddiemha provi bizzejjed li a bazi taghhom hija setghet tikkonkludi li kien l-appellant li kien ghamel il-hsara fil-hwejjeg (mobbli) ta’ Muscat, u li fi kwalunkwe kaz ma saritx il-prova tal-*quantum* tal-hsara kif rikjest skond il-ligi.

Dwar it-tieni aggravju, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Huwa car daqs il-kristall mid-deposizzjoni kemm ta’ Anthony Muscat kif ukoll ta’ Malcolm Mifsud li kien l-appellant li kkaguna l-offizi fuq il-persuna ta’ l-istess Muscat.

Dwar l-aggravji l-ohra, jibda biex jinghad li l-ewwel qorti sabet htija, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, skond il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe` ta’ hsara volontarja fejn l-ammont tal-hsara jiskorri l-hamsin lira izda ma jiskorrix il-hames mitt lira (u ghalhekk fit-termini precizi, ghal dak li jirrigwarda <u>l-ammont tal-hsara</u>, tat-tieni imputazzjoni). Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha li kellha quddiemha l-ewwel qorti, u hi tal-fehma li ma tistax takkolji dawn iz-zewg aggravji dwar il-hsara. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, m’ghandhiex l-icken dubbju li kien l-appellant li, waqt l-aggrassjoni tieghu fuq Anthony Muscat, kissirlu kompletament in-nuccali, qataghlu katina tad-deheb b’pendent maghha (li baqghu ma nstabux), u qataghlu anke katina li kellu ma idejh. Muscat xehed li n-nuccali kellu *frame* tal-marka “Ray Ban” u li l-lenti, li kienet tal-vista, kienet tat-tip *varifocal*. Fic-cirkostanzi tal-kaz hu evidenti li ma kien hemm bzonn ta’ ebda perit biex jaghmel xi stima ta’ xi oggetti biex l-ewwel qorti tikkonkludi – kif effettivament ikkonkludiet – li l-hsara kagunata kienet ta’ aktar minn hamsin lira. Jekk wiehed jillimita ruhhu mqar ghan-nuccali b’dik it-tip ta’ lenti, hu

evidenti li l-ammont tal-hsara kien jiskorri l-hamsin lira. Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta’ kulljum tal-gudikant, tkun tista’ taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta’ l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi *benchmark* partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m’ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta’ l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx “tinhtieg hila jew sengha specjali” (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta’ tali perizja u d-dewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati. Fic-cirkostanzi tal-kaz *de quo*, din il-Qorti ma tara li hemm assolutament xejn li ghandha tbiddel fis-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta’ sena ghall-fini ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------